MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 438/2011

**Carmel Portelli ID 58065M**

**vs**

1. **Geomike Limited C8820**
2. **John Cauchi**

**It-Tribunal,**

## I PRELIMINARI

1. F'dan l-AVVIZ l-attur qed jitlob li l-Intimati, flimkien jew solidalment (jew min minnhom) jigu <u>kundannati</u> jhallsuh is-somma ta' elfejn, tmien mija, sitta u erbghin Ewro lilu dovuti u dana prevja dikjarazzjoni li minnu kienu gew resi lill-Intimati xoghlijiet ta' *aluminium* fil-Cote D'Azur Restaurant, f'St. Anthony Street, M'Scala.

2. Fil-premessi ghat-talba ta' kundanna l-attur qal li hu kien inkarigat mill-Intimati (jew min minnhom) biex jaghmel xoghol ta' *aluminium* b'materjal li pprovda hu u ghalkemm thallas pagamenti ghad hemm dovut l-ammont imsemmi.

3. Ir-RISPOSTA tal-Intimat <u>John Cauchi</u> kienet hekk:-

i) L-eccipjent mhux legittmu kontradittur ghax ix-xoghol imsemmi sar fuq struzzjonijiet inkarigu u a beneficcju ta' Geomike Limited, proprjetarji tal-Cote D'Azur Restaurant.

ii) It-talbiet attrici huma nsostenibbli fil-konfront tal-eccipjent.

iii) Kull pagament sar f'isem is-socjeta' msemmija.

iv) L-ammont pretiz mhux dovut mill-eccipjent.

4. Ir-RISPOSTA ta' <u>Geomike Limited</u> kienet hekk:-

Preliminarjament mhiex legittmu kontradittur ghax f'eebda hin ma dahlet fi trattativi mar-Rikorrent jew awtorizzat lil impjegat taghha li jaghmel dan.
Is-socjeta' u John Cauchi huma persuni legali distinti.
Gialadarba jirrizulta li kull trattativa saret ma Cauchi, li la hu Ufficjal la azzjonist u qatt ma kien awtorizzat jirraprezenta lis-Socjeta' izda agixxa f'ismu u minn jeddu, is-Socjeta' ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
Ghalhekk is-socjeta' ghandha tigi liberata bl-ispejjes.

## II PROVI

1. L-ewwelnett jigi rilevat li hawn qed tinstilet xi haga zghira biss mill-provi u ghalhekk wiehed ghandu jirriferi ghax-xhieda shieha riprodotta fil-process.

2. Carmel Portelli pprezenta affidavit (*a fol* 20 *et seq*). Qal li sar jaf lill-Intimat John Cauchi u lil huh George ghax talbuh appuntament dwar ix-xoghol in kwistjoni u kellimhom bhala shab fir-restorant. Wara sar jaf li r-restorant kien tal-Geomike Ltd. Wara li lesta l-aperturi nkarigwah ghal xoghol iehor. Il-kont tela €10,846 (Dok A *a fol* 23) inkluzi spejjes. John Cauchi ghaddielu pagament ta' €5000 u iehor ta' €3000. Talab diversi drabi l-bilanc ta' €2846 lil George Cauchi. <u>Dan qallu li kien ser ihallsu meta jircievi *refund* mill-VAT izda wara d-diskors inbidel.</u>

3. <u>John Cauchi</u> meta xehed (*a fol* 26 *et seq*) qal li hu u huh George saru jafu bl-attur minhabba xoghlijiet ghand ommhom. Ir-restorant in kwistjoni hu propjeta' ta' Geomike Ltd u "l-VAT number li ghamel ix-xoghol fuqu kien tal-kumpanija". Ikkonferma li George kien jghid lill-attur li l-bilanc mertu tal-kawza prezenti kien jithallas meta jigi *refund* fuq il-VAT.

4. Gie rilevat il-fatt li bejn John Cauchi u hutu jew ahjar il-Geomike Limited kien hamm kawza ghaddejja. Dan dwar il-kumpanija li fir-rigward taghha qies ruhu bhala *prestanome (ibso verbo).*

5. Saret riferenza ghac-Citazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 716/2010/JPG John Cauchi vs George sive Gino Cauchi u Geomike Limited u ntalbet soprasessjoni. B'degriet tal-5 ta' Frar 2013 (*a fol* 75) din it-TALBA giet michuda mit-TRIBUNAL.

**III KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal jikkunsidra kif gej:-

1. L-ewwelnett huma inkontestati s-segwenti fatti:-
   i) ix-xoghlijiet li dwarhom jirriferi l-*quantum* mitlub saru fil-cote D'Or Restaurant li hu ta' Geomike Limited, u dana b'soddisfazzjon dwar kwalita' ta' xoghol;

   ii) anqas hu kontestat l-ammont mitlub.

2. Il-kontestazzjoni hi dwar min ghandu jhallas. Hiex il-kumpanija (li tghid le), hux John Cauchi personalment (li jghid le) humihiex l-Intimati "in solidum" kif jippretendi l-attur.

3. Li l-kumpanija trid tahsel idejha ghal kollox hu iktar minn azzardat, meta tqis li x-xoghlijiet saru fir-ristorant tal-kumpanija u qed jitgawdew minnha. Barra dan, il-kont jindika (u dan anqas hu kontestat) n-Nru tal-VAT tal-kumpanija Intimata. It-TRIBUNAL hu soddisfatt ukoll li hu pruvat li George Cauchi kien semma li jhallas il-bilanc meta jircievi *refund* tal-VAT.

4. Hu aktar minn pruvat li l-Intimat Cauchi, f'din l-istorja kollha dahal fl-interess esklussiv tal-kumpanija u xejn f'ismu propju.

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL, meqjus dak kollu migjub hawn fuq jiddeciedi billi

i) Fil-konfront tal-Intimat John Cauchi jilqa l-eccezzjonijiet kollha tieghu u konsegwentement jichad it-talba attrici in kwantu hi diretta kontra John Cauchi.
ii) Jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-Socjeta' Intimata Geomike Limited u konsegwentemet jilqa t-talba attrici in kwantu diretta kontra s-Socjeta' msemmija
iii) Jikkundanna lis-Socjeta' Geomike Limited biex thallas lir-Rikorrent Carmel Portelli il-*quantum* ta' €2,846.00 b'imghax skond il-ligi mill-5 ta' Awwissu 2011 (meta s-Socjeta' giet notifikata bl-Avviz) sal-jum tal-pagament effettiv.
iv) Tiddeciedi li, fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha konnessi ma dan l-AVVIZ jibqghu bla taxxa bejn ir-Rikorrent u l-Intimat John Cauchi.
v) Tikkundanna lis-Socjeta' Intimata Geomike Ltd thallas l-ispejjes l-ohra kollha in konnessjoni ma dina l-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------